

ĠORĠ ZAMMIT

**Id-Dwejra fuq l-Irdum**

Hemm ktieb jistenna l-id li għad trid tiktbu;
hemm għanja siekta li għad trid tinstema';
hemm ġandra f'ġuf ta' qabar li għad tinbet
u xxejjer ġmiel li jkattar ġmiel is-sema.

Hemm ġebla mwarrba li għad tkun ix-xewka
ta' sur il-qawwa jrażżan lill-irjieħ;
hemm kewkba wara x-xefaq li għad titla'
biex tlellex qisha ħolma ta' mistrieħ.

Għad tidwi l-għanja tas-serduk li tfakkar
fl-għajnejn inixxu biex tissaffa l-ħtija;
u fl-aħħar lewn li jsaħħar jibda jżernaq
u d-dwejra fuq l-irdum timtela dija.

Ġorġ Zammit



Paġna mċarrta minn storja minsija
għajta siekta minn dinja mitmuma
rajtek mgħawġa bl-għonnella mdellija:
liema ħsieb qed iżommok maħkuma?

Qed tiftakar fi żmien ir-rebbiegħa
meta saltan il-ward fuq ix-xewk?
Qed tixxennaq għal ġranet xemxija?
Għad-dehriet kollha ġmiel li ħallewk?

Ir-rebbiegħa u s-sajf ħarbu u taru;
il-ħarifa u x-xitwa ħaqruk;
il-ħolmiet taż-żgħożija llum saru
xtieli niexfa – xejn m'għandhom ħlief zkuk.

Għadek thewden fiż-żmien meta trabba
iċ-ċaqliq l-ewwel darba tal-ħmira
midluka għasel qarrieq ta' l-imħabba
li, flok hienja ħallietek ilsira?

Għadha fik it-tifkira ta' meta
l-ewwel darba smajt l-għajta tal-frott
ta' l-imħabba ttik ħolma ta' setgħa
li t-tpattija għat-tbatija ġiet trodd?

Staqsi 'l żmienek; ''Kemm drabi, ma' tulek
tfajla hienja ma' sħabi, fit-triq
ħriġt bl-għonnella!'' – M'għadekx tgħolli djulek
ħalli turi l-bizzilel! – Qarrieq

hu dak kollu li jlellex, li jnissi
l-isħab iswed fi żmienna ġerrej;
qarrieq kollox, ħlief l-għajta li twissi
li ħlief ruħna m'hawn xejn ħlief ix-xejn.

Paġna mċarrta minn storja minsija,
mgħawġa, ħiemda, qed taqsam it-triq,
rajtek sejra, bl-għonnella mgħottija
lejn il-maqdes biex tqim lill-Ħallieq.

Ġorġ Zammit

*Nota:* Versi ispirati mid-dehra ta' xwejħa bl-għonnella – li naħseb li hi l-aħħar għonnella li dehret barra, f'pajjiżna – waqt li kienet qiegħda taqsam il-pjazza biex tidħol titlob fil-knisja ''Ta' Savina'' fir-Rabat, Għawdex.